# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Avviż Nru: 193/2024**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali taħt l-Art 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 631/2024 ippreżentata nhar il-14 ta' Marzu 2024 u reża eżekuttiva nhar it-2 ta' Mejju 2024 u wara l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1442/2024 fl-ismijiet:**

**Justin Spiteri (K.I. 387691M)**

**vs**

**Stephen Attard (K.I. 228779M)**

**Illum, il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2025;**

**Il-Qorti;**

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2024[1] fejn wara li dawn il-proċeduri ġew mgħajjta tlett darbiet baqa' ma deher ħadd. Wara li l-kawża ġiet posposta u reġgħet ġiet imsejjħa aktar tard, baqa' ma deher ħadd, anke wara tlett posponimenti. Kien għalhekk li l-Qorti, bit-tħaddim ta' dak li jrid l-artikolu

[1] A fol 10 tal-proċess.

199(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-kawża titħassar minn fuq il-lista, bi spejjeż għar-rikorrent.

Rat li minn dakinhar sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u ma ġie mħejji l-ebda att ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-partijiet, sabiex jintalab li dawn il-proċeduri jiġu mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi[2]. Iż-żmien imsemmi fl-istess artikolu huwa wieħed perentorju.

Għaldaqstant, wara li rat li għaddew it-tliet xhur inutilment, il-Qorti qiegħda terġa' ttenni d-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2024 dwar it-tħassir ta' din il-kawża, bi spejjeż għar-rikorrent u filwaqt li tieqaf milli tqis iktar dawn il-proċeduri, tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħihom minn fuq il-lista tal-proċeduri attivi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[2] Il-Qorti ħadet tagħrif ġudizzjarju ta' kontro mandat bin-numru 297/2025 magħmul minn Justin Spiteri stess fejn dan talab il-ħruġ tal-istess kontro mandat minħabba pagament għas-saldu. Dan ġie milqugħ fit-13 ta' Frar 2025 u qatel il-mandat ta' sekwestru 1442/2024 msemmi f'dawn il-proċeduri. Jidher b'hekk li l-kwistjoni bejn il-partijiet ilha li ntemmet.